# QORTI TA' L-APPELL

**(APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)**

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 23 ta’ Frar, 2001**

**Numru 2**

**Avviz Nru. 1641/99 PS**

**Antonia Attard Gialanze**

**vs**

**Rita Borg**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>Ir-rikors promotorju</u>**

1. Illi r-rikorrenti pprezentat avviz fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas mija u ghoxrin lira Maltin (LM120) ammont dovut bhala bilanc minn somma akbar, prezz ta’ ghamara mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta, bl-ispejjez u l-imghax kummercjali mid-data tal-bejgh.

**L-eccezzjonijiet tal-konvenut**

2. Il-konvenuta eccepiet illi hija hallset l-ammont kollu dovut lill-attrici b'pagamenti rateali, u ghalhekk id-debitu gie saldat.

**Is-sentenza tat-Tribunal**

3. It-Tribunal ghat-Talbiet Zghar b'sentenza tieghu tat-22 ta' Mejju, 2000, fl-ismijiet premessi ddikjara ruhu inkompetenti milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici ratione valoris.

**L-Appell tar-rikorrenti**

4. Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u interponiet appell fuq l-aggravju segwenti:-

(i) Illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin kemm tal-ligi kif ukoll tal-fatti meta ddecieda illi biex jiddeciedi din l-istanza kellu jikkonsidra ammonti li jeccedu l-Lm250. Kull ma kellu jiddeciedi t-Tribunal kien jekk il-bilanc ta' Lm120 kienx ghadu dovut peress illi fuq din biss ma kienux qed jaqblu l-kontendenti u dan kif ser jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Ghaldaqstant l-appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tat-22 ta' Mejju, 2000, fl-ismijiet premessi u tirrimandi l-atti lura lit-Tribunal biex jaghti decizjoni fuq il-mertu.

**Ir-risposta tal-konvenuta appellata Rita Borg**

5. L-appellanti wiegbet hekk:-

(i) Illi s-sentenza moghtija quddiem it-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar fit-22 ta' Mejju, 2000, timmerita konforma stante illi hija nghatat fuq bazi korretta tal-fatti u tal-ligi ghas-segwenti ragunijiet:-

A. Illi kuntrarju ghal dak illi qeghda tikkontendi l-appellanti, it-Tribunal gustament wasal ghall-konkluzzjoni li ma kellux kompetenza li jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici minhabba ratione valoris u dan ghaliex il-kwistjoni kollha tirrivolvi fuq kemm kien il-valur komplessiv ta' l-oggetti li kienu nxtraw minghand l-appellanti, liema valur jeccedi l-valur ta' mitejn u hamsin lira maltin (Lm250) li huwa l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan rrizulta ampjament mid-dokumenti kollha li gewipprezentati mill-attrici stess.

Ghaldaqstant waqt li ssir ampja riferenza ghall-provi prodotti u dawk producibbli fi stadju ta' appell il-konvenuta appellata umilment titlob illi dina l-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fit-22 ta' Mejju, 2000, fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. L-appell tar-rikorrenti hu li l-gudikatur ghamel apprezzament skorrett tal-ligi u tal-fatti. Jirrizulta li r-rikorrenti ghamlet kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar u fiha talbet li tithallas l-ammont biancjali ta' Lm120.00 dovut fuq bejgh ta' oggetti ta' ghamara mibjugha lill-intimata appellata. L-intimata appellata wiegbet li dak li kellha thallas hallsitu per saldu.

7. It-Tribunal marte proprio ssolleva l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ratione valoris u ddikjara ruhu legalment inkompetenti biex ikompli bis-smiegh tal-kawza billi l-ammont in kawza kien jezorbita l-kompetenza tieghu. It-Tribunal iddecieda b'dan il-mod ghar-raguni li "biex ikun jista' jiddetermina jekk il-bilanc mitlub huwiex verament dovut mill-konvenuta,

ikollu necessarjament jezamina d-dokumenti esebiti miz-zewg partijiet, dokumenti li jinvolvu ammonti li jeccedu l-Lm250.00.

8. Il-Qorti tibda biex tinnota li fit-twegiba taghha per via ta' eccezzjoni, l-intimata originarjament ma kienetx issollevat l-eccezzjoni ta' inkompetenza ratione valoris. Bdiet targomenta biss f'dan is-sens wara li t-Tribunal qanqal dan il-punt fis-sentenza appellata.

Kien fis-setgha tat-Tribunal li jissolleva marte proprio l-inkompetenza tieghu ratione valoris. Illi ghalkemm huwa minnu li s-sorte mitluba mill-attrici kien biss fl-ammont ta' Lm120.00 filwaqt li l-kompetenza, f'termini ta' valur prekunjarju, moghtija lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija sa massimu ta' Lm250, jibqa' l-fatt li fir-realta' l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija relatata ma' ammonti ta' flus li jeccedu l-ammont ta' Lm250. Fil-fatt l-ammont ta' Lm120 jirrapprezenta biss bilanc minn ammont akbar, kif del resto huwa rikonoxxut espressament mill-attrici stess fil-formola fl-Avviz tat-Talba (ara "a tergo" ta' l-ewwel faccata). Il-prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta kien ferm aktar minn Lm250.00. It-Tribunal semma' l-ammont ta' Lm420.00 li verament kien qed jigi kkontestat. Jekk imbaghad wiehed imur aktar lura, bhala zmien, ghal dak li ghandu x'jaqsam man-negozju ta' xiri u tpartit ta' ghamara

bejn il-partijiet, isib sahansitra s-somma ta' Lm730 (ara ittra legali – a fol 34 tal-process).

Illi ghalhekk meta l-konvenuta eccepiet il-pagament per saldu dana kien jimplika li kemm-il darba hemm nuqqas ta' qbil dwar xi hlasijiet ezattament saru akkont tas-somma shiha surreferita, allura jfisser li l-ammont kollu jkun qieghed jigi mess in dubbju ossija kkontestat u mhux dak il-bilanc biss li l-attrici jidhrilha li kien ghad baqa' dovut. Illi ghalhekk ifisser ukoll li l-kontestazzjoni tkun tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi kif moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, tichad l-appell ta' l-attrici bl-ispejjez gudizzjarji relativi ghal dana l-appell a kariku taghha.

Dep/Reg

mm